TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 149/15/GB

**Mary Ann Debattista obo Elaine Debattista**

**vs**

**Demajo Dental & Implantology Clinic – Dr Jean Paul Demajo u Dr Michelle Demajo**

Illum 2 ta' Dicembru 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-30 ta' Lulju, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' elfejn u erbgha mitt Ewro (€2,400.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal zewg 'implants' u żewġ 'crowns', liema xoghol kellu jsir minn dentist iehor wara li xoghol hazin da parti ta' l-intimati fuq 'root canal treatment' u 'crown' ikkawża hafna problemi mediċi ghat-tifla taghha.

L-intimati pprezentaw risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendew ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, in rappreżentanza ta' Elaine Debattista, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimati, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Din it-talba qed issir minhabba xoghol hazin li sar fuq 'root canal treatment' u 'crown'. Dan kellu konsegwenzi gravi. Barra milli soffriet hafna, it-tifla kellha taqla' żewġ sinniet u kellha taghmel żewġ 'implants', li wahedhom gew jiswew elfejn u erbgha mitt Ewro (€2,400.00). Marret ġurnata wara l-ohra l-isptar u hadet tliet korsijiet antibijotiċi, minbarra mediċini ohra. Kellha tkun assenti mix-xoghol u tippospona xi eżamijiet mediċi importanti. Hija ġiet offruta biex isir xoghol ta' 'implants' nofs prezz, imma billi din l-offerta damet ma saret, lahaq sar xoghol minn dentist iehor u ghalhekk ir-rikorrenti qed titlob dan l-ammont ta' flus.

Ir-rikorrenti ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**L-intimati ssottomettew bil-miktub illi:-**

Din it-tilwima qed issir wara li l-pazjenta, Elaine Debattista, hadet id-decizjoni hazina li taqla' żewġ sinniet minflok li setghat tirranġa l-problema b'intervent iehor. Il-konsulent ta' l-isptar Mater Dei issuġġerixxa xoghol ta' Opicectomy, imma hi malajr iddeċidiet tmur ghand dentist iehor privat li qalghalha mhux wahda, imma żewġ sinniet, minflok li jipprova jissalvahhomlha. Huwa dnub li gara dan, ghax ghadha zghira u kien hemm rimedju differenti.

L-intimati offrew li hija taghmel ix-xoghol ta' l-'implants' nofs prezz, imma kienet diga' hallset id-dentist li lanqas kien beda x-xoghol. Huwa l-parir ta' l-intimati li l-pazjenta hadet deċiżjoni wisq maghgla u estrema u ghalhekk huma m'humiex responsabbli ta' l-azzjoni li hadet. Ukoll, mir-radiografija li ghandhom l-intimati, ir-'root canal treatment' li kellha l-infection fiha kienet saret snin qabel ma Elaine Debattista saret pazjenta taghhom, u ghalhekk kellha tiehu hafna korsijiet anitijotici. Intervent ta' Opicectomy setghat issolvi l-problema, imma r-rimedju tal-qlugh huwa l-iktar faċli u ta' malajr.

L-intimati ezebew dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet rakkomandazzjoni minn Dr Charles Fenech, li ġiet immarkata bhala Dok.MD1; tip ta' riċevuta fl-ammont ta' elfejn u erbgha mitt Ewro (€2,400.00) ghal żewġ 'implants' u zewg 'crowns' li t-tifla kellha taghmel ghand dentist iehor, u fuq liema ammont hija bbazat it-talba taghha, li ġiet immarkata bhala Dok.MD2; kif ukoll kopja tal-korrispondenza bejn il-partijiet, li ġiet immarkata bhala Dok.MD3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimati, fix-xhieda guramentata taghhom, regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

L-intimati ezebew sett ta' dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.JP1.

It-Tribunal jinnota illi l-intimati kienu diga' offrew skont ta' hamsin fil-mija (50%) lir-rikorrenti, pero' hija ma kienetx aċċettat din l-offerta ghall-unika raġuni illi hija kienet diga' marret ghand dentist iehor fil-frattemp.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u fuq ezaminazzjoni tal-provi prodotti, jiddikjara illi jirrizulta ampjament car li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti ta' l-intimati. It-Tribunal jinnota wkoll; illi, nonostante l-principju illi min jallega ghandu jipprova,

ma ngabet l-ebda prova da parti tar-rikorrenti fl-ambitu ta' l-allegazzjoni taghha illi l-problemi li soffriet minnhom it-tifla taghha gew ikkawżati minn xoghol hazin li sar da parti ta' l-intimati. Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**